MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2010

Numru. 625/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs**

**Marco Deguara**

Il-Qorti;

Rat l-imputat Marco Deguara bin Richard u Catherine nee' Zammit, mwieled UK fid-29 ta' Ottubru 1968 u residenti 83, Abalone, Triq l-Ghannejja, B'Bugia u detentur tal-karta tal-identita' numru 6421A gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fis-16 ta' April 2006 ghall-habta ta' 03:00pm fi Triq il-Bajja s-Sabiha, B'Bugia;

1. Volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u glied, storbju jew mod iehor.

2. Talli qal kliem oxxen fil-pubbliku.
3. Talli waddab oggett iebes (siggu) u ghamel hsarat fil-vettura WYN486 ghad-dannu ta' Wayne Briffa mill-Fgura.
4. Hedded bi kliem lil Wayne Briffa u Scott Fenech.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 8 ta' Novembru 2007 (esebit *a folio* 16 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-8 ta' Novembru, 2007 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Ill dan il-kaz jirrigwarda ncident li sehh fis-16 ta' April 2006 ghall-habta tat-3.00pm fil-Bajja s-Sabiha, Birzebbugia fejn l-imputat qed jigi akkuzat li kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, li qal kliem oxxen fil-pubbliku, li waddab oggetti iebsin lejn il-vettura ta' Wayne Briffa u kkagunalu hsara fl-imsemmija vettura u li hedded bi kliem lil Wayne Briffa u lil Scott Fenech.

Il-Qorti jidrilha li xejn minn dak li l-imputat qed jigi akkuzat bih ma jirrizulta mil-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz. L-allegati vittmi Wayne Briffa u Scott Fenech ghazlu li ma jixhdux f'dawn il-proceduri minhabba l-possibilita' li jinkriminaw ruhhom u l-unika zewg xhieda migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz, u cioe' PC 1203 Kurt Schembri (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva inserita a fol. 18 u 19 tal-process) u WPC 239 Mary Rose Pace (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 20 u 21 tal-process) it-tnejn xehdu li fid-data u l-hin in kwistjoni huma rcevew telefonata li kien hemm vetturi parkeggjati b'mod irregolari

hdejn il-waterpolo pitch ta' Birzebbugia u meta huma marru fuq il-post sabiex jinvestigaw gew avvicinati mill-imputat u minn huh Joseph Deguara u nfurmati li kien hemm xi vetturi li bdew isuqu b'mod perikoluz fosthom vettura bin-numru tar-registrazzjoni WYN 486 u meta huma ndikawlhom min kienu dawn in-nies, li wara rrizulta li kienu Wayne Briffa u Scott Fenech dawn hebbew ghall-ahwa Deguara u dawn tal-ahhar telqu jigru lejn l-Ghassa akkompanjati min-nisa taghhom u minn uliedhom. Dawn iz-zewg xhieda komplew jghidu li Fenech u Briffa marru quddiem l-Ghassa u komplew ihebbu ghall-ahwa Deguara. Xi ftit tal-hin wara mar l-Ghassa Wayne Briffa li allega li l-ahwa Deguara kienu waddbu xi haga lejn il-vettura tieghu u kkaguanwlu hsara.

Il-Qorti hija tal-fehma li ebda wahda mil-akkuzi migjuba fil-konfronti tal-imputat ma tirrizulta pruvata stante li mix-xhieda migjuba mill-Prosekuzzjoni jirrizulta li fil-fatt l-inkwiet inqala' minn Wayne Briffa u Scott Fenech u mhux vice versa. Kif diga' ntqal aktar il-fuq inoltre dawn iz-zewg xhieda ghazlu li ma jixhdux fil-proceduri odjerni stante l-possibilita' li jinkriminaw ruhhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tiliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------